

**Naħa nazzjonali ġdida tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2023/C 116/10)

**Naħa nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Spanja**

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiki tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-2 euro, iżda n-naħa nazzjonali tagħhom fiha disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Pajjiż emittenti:** Spanja**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** UNESCO: Cáceres

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-Belt l-Antika ta' Cáceres hija agglomerazzjoni urbana li tinsab fil-Komunità Awtonoma ta' Extremadura fil-Punent tal-Peniżola Iberika Din ġiet irreġistrata fil-lista ta' Siti ta' Patrimonju Dinji bħala unika minħabba l-karatteristiki storiċi tagħha, li (mill-Medju Evu sal-perjodu klassiku) għandhom it-traċċi ta' influwenzi differenti u kontradittorji ħafna, bħall-Gotiku tat-Tramuntana, l-Iżlamiku, ir-Rinaxximent Taljan u l-arti tal-Kontinent il-Ġdid.

Id-disinn juri dehra panoramika tal-kumpless monumentali, speċifikament tal-pjazza ewlenija. Fuq nett u b'ittri kapitali hemm il-kelma "ESPAÑA" u s-sena taz-zekka "2023". Fin-naħa ta' fuq tal-lemin hemm il-marka taz-zekka. Isfel nett u b'ittri kapitali hemm il-kelma "CÁCERES".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu:** 1 500 000**Data tal-ħruġ:** L-ewwel trimestru tal-2023

<sup>(1)</sup> Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għan-naħat nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarjiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuh nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).